# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR

LULJU 2020 – Ħarġa Nru: 182




*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## ISSA LI RĠAJNA FTAĦNA

Ħafna kienu ilhom isaqsu meta se jerġgħu jiftħu l-knejjes għall-Ewkaristija. Issa li ftaħna, għadna qegħdin naraw l-attendenza tikber ftit ftit. Konna nafu li l-knejjes mhux se jkollhom l-attendenza tas-soltu, għal diversi raġunijiet: min għadu jibża joħroġ, speċjalment dawk li huma vulnerabbli u ma jixtiequx isibu ruħhom f'post magħluq; min iddejqu l-maskla u l-visor; min għandu t-trabi jew tfal żgħar u ma jixtieqx jitħallat għalissa, min jaħseb li mhux se jsib post u jibqa' barra, u oħrajn.

Jista' jkun li hemm ukoll dawk li sabuha komda "jisimgħu" il-quddiesa mid-dar jew li ma jiġux għax "issa draw"! Nittamaw li fil-ġimgħat li ġejjin, aktar jagħmlu l-kuraġġ u jattendu għalkemm l-Isqfijiet ħallew id-dispensa għal dawk li għalissa ma jħossuhomx komdi jiġu.

**Ċokon**

Jista' jkun li l-komunità nisranija anke f'pajjiżna, se tiċkien xi ftit aktar. Bil-mod il-mod, se nkunu nafu aktar minhuma tassew l-insara konvinti mill-fidi tagħhom. Dan jitlob minna s-saċerdoti u dawk impenjati fil-qasam tal-Liturġija, li nagħmlu l-isforzi kollha tagħna ħalli l-liturgija li l-fidili jieħdu sehem fiha, tkun waħda awtentika u organizzata aħjar. Dan ma jfissirx li għandna noħolmu b'liturġiji affaxxinanti imma dawk devoti u bis-sens, fejn l-individwu jħossu tassew iltaqa' ma' Alla fil-Kelma u fl-Ewkaristija li rċieva.

Ovvjament, dan kollu jsir fil-limitazzjonijiet tagħna. In-numru ta' quddies imxerred ma' tmiem il-ġimgħa jitlob ħafna aktar riżorsi li mhux dejjem ikunu possibli f'kull waħda minnhom.



Għalkemm jidher li fostna b'xi mod battiet, il-pandemija għada ġġib ħerba f'ċerti pajjiżi. S'issa,

diġà mietu man-nofs miljun ruħ u hawn aktar minn 10 miljun każ fid-dinja!

**Għaqal**

Xogħlna issa hu, li l-esperjenza li ksibna matul il-Covid-19, inwettquha fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Dan minkejja li qed naraw li bil-mod il-mod kollox reġa' ġej bħal ma kien qabel! X'inhi din l-esperjenza?

- Il-fatt li sirna konxji kemm il-bniedem hu dgħajjef u fraġli quddiem mikrobu insinifikanti, għandu jżommilna riġlejna fl-art u ma naħsbux li sirna xi allat;
- Il-ħin li l-familji għaddew flimkien waqt il-lockdown, issa jfittxu jgħixuh fil-ħajja ta' kuljum;
- Il-qies fl-infieq biex b'hekk morna għal dak li hu essenzjali, għandu jitkompla fil-jiem li ġejjin;
- Il-passatempi żgħar u rħas li ħloqna, għandna ndaħħluhom fil-kurrikulu ta' ħajjitna u nippreferuhom minn dawk li jiswew ħafna aktar flus;
- It-tisfija tal-arja għandha tħeġġina biex nagħmlu l-parti tagħna anke jekk din hi żgħira, biex ma nkomplux ngħarrqu din il-pjaneta;
- Il-quddies li "smajna" anke ta' kuljum, permezz tat-televiżjoni u l-media soċjali għandu jixprunana biex, inħossu aktar il-bżonn tas-smigħ u l-ispjega tal-Kelma kif ukoll l-għatx għall-Ewkaristija.

**F'sensina**

F'video li wasal għand ħafna nies waqt il-pandemija, instemgħu il-kliem: "Corona, get lost". Huwa veru li l-Corona ġabet ħafna tbatija, mwiet u nċertezzi imma żgur naqblu li kien permezz tiegħu li għal ftit xhur ġejna f'sensina. Dak li konna ilna mxennqin għalih, f'daqqa waħda sibnih ma' wiċċna!

Ejjew inkunu għaqlin u dak li esperjenzjajna nibdew ngħixuh minn issa u ma nħallux li jkun xi virus ieħor li jkollu jġibna f'sensina!

***Dun Evan***

## IL-FESTA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA 2020

**Il-Ħadd 13 ta' Settembru:**

- 9.30am Quddiesa Solenni tal-festa
- 12.30pm jaslu l-pellegrinaġġi tar-roti u l-muturi
- 7.00pm pellegrinaġġ bil-vara tal-Madonna tal-Grazzja akkumpanjat b'innijiet proċessjonali miż-żewġ baned Żabbarin
- 9.00pm dħul fis-santwarju, kant tal-Antifona u barka Sagramentli



## SILTA MILL-OMELIJA TAL-ARĊISQOF LILL-GĦAXAR ORDINANDI ĠODDA…

"Aħna u nikkonsagrawlkom idejkom biż-żejt tal-Griżma li tbierek propju l-bieraħ, b'dan iż-żejt ġdid nibagħtukom fid-dinja biex tkunu l-idejn ta' Ġesù Kristu li jħaddan l-umanità miegħu. Idejk mhux qiegħda biex tgara l-ġebel imma biex fit-tgħanniqa tal-imħabba safja, twassal l-għożża, it-tenerezza tal-Mulej.

Il-qalb tiegħek hija ta' kulħadd imma mhux b'mod astratt għax aħna m'aħniex anġli. L-imħabba tagħkom se tkun imħabba imlaħħma, inkarnata u kultant ukoll imxellfa bl-umanità tagħkom. Imma tibżgħux tkunu ħaġa waħda mal-poplu li l-Mulej jibgħatkom biex taqdu." *29 ta' Ġunju 2020.*

Nitolbu u naħdmu biex il-familji tagħna jkunu benniena tal-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi:

- Insibu ftit ħin għat-talb kuljum b'silta mill-Evanġelju;
- Inħejju l-Kelma t'Alla għall-Ewkaristija tal-Ħadd;
- Niddiskutu x'opri ta' karità se nwettqu bħala familja;
- Naraw x'impenn se nwettqu fil-komunità nisranija li fiha ngħixu;



---

## SILTA MILL-OMELIJA TAL-ARĊIPRIET NHAR L-EWWEL QUDDIESA TA' DUN DAVID BORG…

"Ejjew ma nirrendux id-djar tagħna lukandi fejn kulħadd dieħel u ħiereġ. Forsi aktar barra milli ġewwa; fejn bilkemm ikollna ħin biex niltaqgħu u nsaħħu r-relazzjonijiet bejnietna. Ejjew nibdlu d-djar tagħna f'santwarji fejn madwar il-mejda tal-ikel nissaħħu wkoll bl-ikel tal-Kelma t'Alla. Huwa madwar mejda bħal din li l-Mulej jirrivelalna jew jurina lilu nnifsu, x'inhu l-pjan u r-rieda tiegħu għalina.

Il-ħin għall-Mulej mhux ħin moħli! Fid-djar tagħna għandna nitgħallmu l-virtujiet umani: il-mogħdrija, il-maħfra, l-inkuraġġiment, il-korrezzjoni, il-karezzi, l-umiltà, l-impenn fil-komunità…

F'ambjenti bħal dawn żgur li jinbtu u jissaħħu l-vokazzjonijiet sabiex il-poplu t'Alla qatt ma jkun nieqes minn għadd sabiħ ta' ragħjja". *30 ta' Ġunju 2020*



## NILTAQGĦU NHAR … LULJU 2020

**Erbgħa 1**: Beatu Nazju Falzon, kjeriku sekulari – Tifkira

**Ġimgħa 3**: San Tumas, appostlu – Festa. *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*. Wara l-quddiesa tas-6.30pm adorazzjoni komunitarja li tintemm bil-barka Sagramentali. Fit-8.00pm tindaqq Mota Solenni li tħabbar il-bidu tal-Għaxar Sibtijiet bi tħejjija għall-festa titulari.

**Sibt 4:** **L-Ewwel Sibt tal-Madonna tal-Grazzja**. Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet. Fis-5.50pm kurunella, Salve Regina, Antifona u barka Sagramentali. Fis-6.15pm quddiesa kantata bl-omelija mis-saċerdot novell, Dun David Borg.

**Ħadd 5:** **L-14-il Ħadd tas-sena**

**Sibt 11:** San Benedettu, abbati u patrun tal-Ewropa – Festa. *It-Tieni Sibt tal-Grazzja*. Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet.

**Ħadd 12:** **Il-15-il Ħadd tas-sena**

**Erbgħa 15**: San Bonaventura, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O

**Ħamis 16:** Il-Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu – Tifkira O

**Sibt 18:** *It-Tielet Sibt tal-Grazzja.*

**Ħadd 19:** **Is-16-il Ħadd tas-sena**

**Erbgħa 22**: Santa Marija Maddalena – Festa

**Ħamis 23:** Santa Brigida, reliġjuża u patruna tal-Ewropa – Festa

**Sibt 25:** San Ġakbu, appostlu – Festa. *Ir-Raba' Sibt tal-Grazzja*. Fis-6.00pm quddiesa bl-Ewwel Tqarbina.

**Ħadd 26:** **Is-17 il-Ħadd tas-sena.** Fl-10.00am quddiesa bl-Ewwel Tqarbina. Fil-5.30pm quddiesa bl-Ewwel Tqarbina.

**Erbgħa 29:** Santa Marta – Tifkira O

**Ġimgħa 31**: San Injazju ta' Loyola, presbiteru – Tifkira O

## ISSA LI FETĦU L-KNEJJES…

***Is-sinifikat tal-Jum tal-Ħadd:***

"Anke fiż-żminijiet diffiċli tagħna, l-identità ta' din il-ġurnata trid tiġi mħarsa u fuq kollox mgħixa bil-parteċipazzjoni tagħna fl-Ewkaristija – li tfakkar il-ġrajja ewlenija tal-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt".

*Silta mill-Ittra Appostolika* ***Dies Domini,*** *ta' Ġwanni Pawlu II, 31 ta' Mejju 1998*

**INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM**

Frances Abdilla, Raymond Ebejer, Carmelo Psaila, Gaetano Attard, Helen Aquilina, Spiridione Falzon, John Scicluna, Josephine Cassar, Eugenio Burnell, Joseph Dalli, Carmelo Spiteri, Tereża Galea

*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*